MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-26 ta' Gunju, 2003

Citazzjoni Numru. 1781/2000/1

**Antoinette Pace**

**vs**

**Dr Leslie Cuschieri u l-PL Victor Bugeja li b'digriet tal-25 ta' Settembru 2000 gew nominati bhala Kuraturi Deputati biex jirrapprezentaw lill-assenti Rashid Elhour**

**Il-Qorti,**

## <u>I. PRELIMINARI.</u>

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-attrici zzewwget il-konvenut civilment fl-14 ta' Dicembru, 1998, skond kif jirrizulta mic-certifikat esebit bhala Dokument 'A'.

Illi minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal.

Illi l-konvenut huwa Musulman.

Illi ghalhekk meta l-konvenut izzewweg lill-attrici, ma kellux l-intenzjoni u l-hsieb mehtiega ghal zwieg li ma jinhallx u li jeskludi zwieg ohra ma' nisa ohra, ghaliex hu kien u ghadu jemmen u jsegwi t-twemmin Musulman.

Illi l-kunsens tal-konvenut inkiseb bl-eskluzzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewwga.

Illi l-istess attrici ghalhekk talbet li l-konvenut jghid ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

i) tiddikjara li z-zwieg celebrat bejn il-kontendenti huwa null u bla effett *ai fini* ta' l-Artikolu 19 (1) (f) tal-Att XXXIII dwar iz-Zwigijiet.

Bl-ispejjez u l-konvenut ingunt minn issa in subizzjoni.
Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol 3 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol 4 u 5 tal-process;

Rat id-digriet tal-Qorti tal-25 ta' Settembru 2000 fejn Dr Leslie Cuschieri u l-PL Victor Bugeja gew nominati bhala Kuraturi Deputati biex jirrapprezentaw lill-assenti Rashid Elhour (fol 6 sa 17).

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-Kuraturi Deputati a fol 22 fejn gie eccepit:

1. Illi huma gew nominati b'digriet tat-25 ta' Settembru 2000 Kuraturi Deputati biex jirrapprezentaw lill-assenti Rashid Elhour;

2. Illi huma mhumiex edotti mill-fatti tal-kaz;

3. Illi ghalhekk huma jirriservaw li jeccepixxu ulterjorment.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista ta' xhieda a fol 22 tal-process;

Rat il-verbali tal-14 ta' Gunju 2001, tad-19 ta' Settembru 2001, tad-9 ta' Jannar 2002, tas-27 ta' Marzu 2002, tat-18 ta' Gunju 2002 fejn din il-kawza bdiet tigi mismuha minn din il-Qorti kif prezentament ippresjeduta u l-Qorti peress li ma deher hadd ordnat il-kancellament tal-kawza minn fuq il-lista a spejjez attrici.

Rat ir-rikors tal-attrici tal-25 ta' Gunju 2002 fejn talbet li l-kawza terga' tigi riappuntata u d-digriet tal-Qorti tal-1 ta' Lulju 2002 fejn laqghet it-talba u rriappuntat il-kawza ghas-smiegh ghall-5 ta' Novembru 2002 b'dan li l-attrici kellha tipprezenta l-affidavits tax-xhieda kollha taghha fi zmien 30 jum mill-istess digriet. (fol 28 sa 20).

Rat in-nota tal-attrici tas-26 ta' Gunju 2002 fejn esebiet l-affidavit taghha stess u ta' Helen Borg (fol 31 sa 34 tal-process).

Rat il-verbali tal-5 ta' Novembru 2002, tal-4 ta' Dicembru 2002 fejn il-Qorti rat il-verbal taghha tal-5 ta' Novembru 2002 u ddikjarat il-provi tal-konvenut maghluqa. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-26 ta' Gunju 2003. Aktar tard deher Dr Leslie Cuschieri bhala Kuratur Deputat li esebixxa nota b'dokument u rrimetta ruhu ghall-provi.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

### <u>(A) PROVI PRODOTTI</u>

Illi fl-affidavit taghha **l-attrici Antoinette Pace** sostniet is-segwenti:

*"Jiena ltqajt ma' Rashid madwar sena qabel ma zzewwigna. Ahna konna ltqajna go tieg. Minn dakinhar*

*pero` ma konniex bdejna nohorgu flimkien u domna madwar xahar shih ma niltaqghu sakemm darba minnhom habiba tieghi li hija mizzewwga lil huh iltaqghet mieghi u qaltli li dan Rashid kien interessat li johrog mieghi. Nispjega li tul dan ix-xahar, lanqas konna ltaqjna jew tkellimna darba.*

*Darba minnhom din il-habiba kienet imbaghad ikkuntatjatni sabiex tghidli li hi kienet tinstab id-dar ta' Rashid u jekk kontx interessata li mmur niltaqa' mieghu. Ghalhekk jiena tlajt ghandha u kien hemm li Rashid talabni biex nibda nohrog mieghu u jiena accettajt. Tul ir--relazzjoni taghna ma konniex niltaqghu ta' spiss. Kienu gieli jghaddu tlett gimghat bla ma naraw lil xulxin. Hu kien ighix go appartament Bugibba u mieghu kien jghix huh u l-istess appartament kien dejjem mimli b'hbiebhom Marrokkini. Rashid huwa ukoll Marrokkin. Jiena kont niddejjaq nitla' hemmhekk, ghax ma tantx kellek privatezza u kien storbjuz bin-nies li kien ikun hemm. Minn naha ta' Rashid rari kien jitla' ghandi f' B'Kara. Jiena ukoll kelli problemi sabiex nikkomunika mieghu, ghaliex it-telephone li kellu kien maqtugh, peress li ma kienux hallsu l-kontijiet. Ghalhekk, kont nistenna sabiex icempilli hu. Hu kif diga spjegajt kien jikkuntatjani rarament.*

*Ma kienx jahdem f'dan iz-zmien u ma nafx sa llum kif kien iqatta' l-gurnata tieghu. Hu kien ighid li kien ikun il-bahar, pero` gieli kont nipprova mmur ghal ghar-rieda u kont insibu il-flat jara t-television. Din is-sitwazzjoni baqghet sejra hekk tul ir-relazzjoni taghna.*

*Madwar hames xhur wara li bdejna nohorgu flimkien, Rashid beda jinsisti mieghi li kien ahjar li nizzewwgu milli nibqghu gharajjes u peress li kellu hafna biza' li setghu ikkeccuh minn Malta. Jiena ghal bidu ma kontx herqana biex nizzewweg. Kont inhobbu, izda madanakollu jiena hassejt li kien qed ighaggel wisq. Xtaqt niehu aktar zmien, izda kien kwazi beda jissoffokani, tant kellu ghagla biex jizzewweg.*

*Jiena kont nghidlu li kien ahjar jekk isib xi impjieg sabiex inkunu nistghu nghixu ahjar. Hu kien ighid li sabiex jibda*

*jahdem kellu bzonn li nizzewwgu biex b'hekk ikollu cittadinanza Malti u jkun jista' jahdem.*

*Sa fl-ahhar accettajt li nizzewwgu. Pero` jiena dejjem kelli id-dubbji tieghi fuq dan iz-zwieg. Kien donnu kellu ghagla mhux normali u kien qisu herqan iz-zejjed u dejjem jinsisti li kellu bzonn li jizzewweg sabiex jkun jista' ighix hawn bil-kwiet.*

*Iz-zwieg taghna gie celebrat b'mod civili u dan ghaliex jiena ma xtaqtx li nizzewweg bil-Knisja ghaliex kont inhossni aktar marbuta milli b'zwieg civili u kif diga spjegajt kelli d-dubbji tieghi fuq dan iz-zwieg. Minn naha ta' Rashid hu qalli li ma jsibx problema ghaliex wara kollox huwa kien ihaddan religjon Musulman u ghalhekk kien ahjar li ma jsirx zwieg bil-Knisja u lanqas kien lest li jbiddel ir-religjon tieghu.*

*Izzewwigna fl-14 ta' Dicembru, 1998. Jiena sa' llum ghadni m'ghidtx il-genituri tieghi b'dan iz-zwieg. Konna biss xtrajna c-crieket u konna presenti jiena u Rashid u x-xhieda. Ma kellniex riceviment lanqas.*

*Wara z-zwieg ahna ma kellniex dar matrimonjali fissa. Konna gieli norqdu fl-appartament fejn kien ighix ma' huh u generalment konna norqdu hemm meta huh kien ikun xoghol fuq il-bahar, filwaqt li meta kien ikun Malta konna mmorru norqdu fil-post tieghi f'B'Kara.*

*Ahna domna nghixu flimkien ghal madwar tlett xhur biss wara iz-zwieg. Mill-bidu kien ighidli li ma kellux bzonni aktar ghaliex issa kellu kull possibbilta` li jibqa' jghix hawn Malta. Hu lanqas biss hadem tul dawn it-tlett xhur, kont jiena li mmantnih. Kien iqatta' l-gurnata d-dar jew kien johrog.*

*Wara dawn it-tlett xhur, li jiena bqajt ninsisti li ghandu jmur jahdem kien ikun indifferenti ghal kollox. Kien totalment ghazzien u ma ried jaghmel xejn. Meta fl-ahhar beda jiehu din l-attitudni jiena ghidtlu li jekk ma kienx ser jaghmel mezz biex jibqa' jahdem ma kellniex futur flimkien. Kien ghalhekk li qalli li fl-ahhar mill-ahhar kien izzewwigni*

*sabiex jiehu cittadinanza Maltija u visa biex jibqa' hawnhekk. Kien zwieg li kien konvenjenti ghalih. B'hekk rega' mar ighix ma' huh f'Bugibba. Tlett ijiem wara mort infittxu, sabiex nara x'kien sar minnu, izda qaluli li kien telaq minn hemm ghaliex kien keccihom is-sid peress li ma kienux hallsu l-kera. Sa' llum li sirt naf huwa li telaq minn Malta."*

Illi fl-affidavit taghha ix-xhud **Helen Borg** sostniet is-segwenti:

*"Jiena ili naf lil Antoinette madwar ghaxar snin u dan ghaliex hija mizzewweg lill-ohtha. Jiena kont iltqajt ma Rashid kemm-il darba kemm qabel ma zzewwgu, kif ukoll wara iz-zwieg. Jiena ghal bidu dan Rashid kien tani l-impressjoni li huwa ragel kwiet.*

*Ghal bidu kont niehu l-impressjoni li kollox kien miexi sew. Indunajt li kien hemm certu tensjoni meta Rashid beda jsemmi zwieg. Antoinette kienet tkellmet mieghi u qaltli li hu ried jizzewweg u hi ma tantx kellha interess ghax kienet tibza' li ried jizzewwigha sabiex ikollu cittadinanza Maltija. Jiena kont tajtha parir li jekk kellha dan is-suspett m'ghandhiex ghalfejn tizzewweg.*

*Fl-ahhar kienet qaltli li hi kienet thobbu u li l-ahjar decizjoni kienet li jizzewwgu.*

*Jiena ma mortx it-tieg taghhom, ghaliex ma kienu ccelebraw xejn. Lanqas il-familjari ma kienu prezenti u lanqas m'ghamlu riceviment.*

*Jiena kont bqajt niffrekwenthom regolarment wara z-zwieg u kont ninnota li kienu jiggieldu ta' spiss u kull darba li kienu jiggieldu kien ighidilha li kien zzewwigha semplicement sabiex hu ikollu visa u jibqa' ighix hawn Malta. Kien iffakkarha b'dan kull darba li kienu jiggieldu quddiemi. Fil-fatt ma damux jghixu flimkien ghaliex wara tlett xhur, Rashid telaq u ma rajtux aktar. Ukoll niftakar li kwistjoni bejniethom, kienet li hu qatt ma ried imur jahdem. Tul it-tlett xhur li damu ighixu flimkien qatt ma mar jahdem u minflok kienet tahdem Antoinette.*

*Sa llum jiena ghadni ma rajtux izjed.”*

## (B) PRINCIPJI LEGALI.

Illi l-attrici qed issostni li z-zwieg taghha huwa null peress:

“*Illi l-konvenut huwa Musulman.*

*Illi ghalhekk meta l-konvenut izzewweg lill-attrici, ma kellux l-intenzjoni u l-hsieb mehtiega ghal zwieg li ma jinhallx u li jeskludi zwieg ohra ma' nisa ohra, ghaliex hu kien u ghadu jemmen u jsegwi t-twemmin Musulman.*

*Illi l-kunsens tal-konvenut inkiseb bl-eskluzzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewwga.”*

Illi dawn il-premessi li fuqhom hija bbazata l-azzjoni attrici huma kkontemplati fl-**artikolu 19 (1) (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta’ Malta** u cioe` l-**Att dwar iz-Zwieg**.

Illi l-**artikolu 19 (1) (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta’ Malta** jinqara hekk kif gej:-

**“Artikolu 19 (1)** *B’zieda mal-kazijiet fejn zwieg ikun null skond xi dispozizzjoni ohra ta’ dan l-Att, iz-zwieg ikun null:-*

*(f) jekk il-kunsens ta’ xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta’ xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg.”*

Illi dan l-artikolu jikkonsidra kemm is-simulazzjoni totali *(“colorem habens, substantiam vero nullam”)* kif ukoll dak parzjali *(colorem habens, substantiam vero alteram)* tal-kunsens.

Illi rigward it-tifsira tal-frazi “*eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu”*, jew kif maghruf ukoll bhala simulazzjoni totali, l-

Qorti fil-kawza **"Bonnici vs Bonnici"** (P.A. 30 ta' Lulju 1982) qalet illi biex ikun hemm simulazzjoni totali jrid jigi ppruvat il-*'finis operis'* taz-zwieg gie effettivament eskluz mill-vera rieda ta' parti jew ohra, ghalkemm formalment tkun sehhet ic-celebrazzjoni taz-zwieg.

Illi fis-sentenza **"Cali vs Dr. Albert S. Grech *nomine".*** (P.A. 22 ta' Gunju 1988) il-Qorti qalet illi jekk tmur ghac-cerimonja tat-tieg u nternament tissostitwixxi l-ideat tieghek fuq x'inhu zwieg jew inkella xort'ohra teskludi l-veru kuncett taz-zwieg, hi forma ta' simulazzjoni totali. Fid-decizjoni **"Galea vs Walshi"** (P.A. 30 ta' Marzu 1995) il-Qorti spjegat simulazzjoni bhala *"meta l-atti, gesti jew kliem esterni ma jikkorrispondux ghall-kunsens intern li jkun inghata".* Illi fis-sentenza **"Muscat vs Borg Grech"** (P.A.14 ta' Awissu 1995) il-Oorti spjegat il-kuncett ta' simulazzjoni b'dawn il-kliem:-

*"Ghalhekk min esternament ikun wera li qed jaghti l-kunsens matrimonjali izda jkun internament u b'att pozittiv tal-volonta' tieghu qed jichad il-kunsens ghal dak iz-zwieg ikun qed jissimula l-kunsens tieghu".*

Illi kif gie nsenjat fid-decizjoni fl-ismijiet **"Francesco Teuma vs Luigi Camilleri et",** (K. 1 ta' Ottubru 1884 - Vol. X p. 912):-

*"a poter dedursi la invalidita dell'atto e' necessario che risulti chiaro, che cio' che si contrattava non era la yenta, ma una simulazione, cioe` 'fictio seu ostensio falsi pro vero'."*

Illi fil-kawza **"Anthony Gallo vs Dr. Anthony Cutajar *et nomine*"** (P.A. (RCP) 28 ta' Mejju 2002) inghad li *"meta wiehed jitkellem dwar l-eskluzjoni taz-zwieg jew wiehed mill-elementi essenzjali tieghu, wiehed irid jifli jekk il-kontendenti jew wiehed minnhom, allavolja hu kapaci jaghti l-kunsens validu taz-zwieg, pero' bl-att tieghu qabel u fil-hajja mizzewga, jew bl-ommissjoni tieghu, eskluda a priori certu obbligi essenzjali tal-hajja mizzewga, cjoe', issimula l-kunsens tieghu totalment fejn eskluda a priori z-zwieg, jew inkella fejn filwaqt il-kunsens hu jew hi*

*eskludew xi wahda jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, u cjoe' saret simulazzjoni parzjali".*

Illi fil-fatt din il-Qorti taqbel mal-istess definizzjoni u fil-fatt fis-sentenza **"Al Chahid vs Mary Spiteri"** (P.A. (RCP) 5 ta' Gunju 2002 inghad li *"wiehed jinnota li taht l-**artikolu 19 (1) (f)** trid issir distinzjoni cara bejn zwieg li jfalli minhabba cirkostanzi li jirrizultaw waqt iz-zwieg, u zwieg li jfalli ghax wiehed mill-partijiet minn qabel ma ta l-kunsens tieghu kien gja' mentalment dispost li ma jottemprax ruhu ma' xi wahda jew aktar mill-obbligi matrimonjali. Fl-ewwel ipotesi hemm ir-ragunijiet li jaghtu lok ghas-separazzjoni u fit-tieni ipotesi hemm l-estremi tal-annullament taz-zwieg".*

Illi fil-fatt ghal dak li jolqot l-kuncett ta' *"l-eskluzjoni pozittiva ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga"*, u cjoe' simulazzjoni parzjali, il-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-kawza **"Abdel Wahed vs Dr. Yana Micallef Stafrace et"** (P.A. (NA) 14 ta' Lulju 1994) elenkat l-element essenzjali taz-zwieg bhala li jikkonsistu fil-*"kommunjoni tal-hajja konjugali, l-indissolubilita' tar-rabta taz-zwieg, id-dritt ghall-fedelta' u d-dritt ghall-prokreazzjoni ta' l-ulied"*. L-istess elementi gew ikkonfermati wkoll fil-kawza **"Aquilina vs Aquilina"** (P.A. (NA) 30 ta' Jannar 1991) u fis-sentenza **"Grech vs Grech"** (P.A. (NA) 9 ta' Ottubru 1990). Dawn huma wkoll l-elementi fil-ligi kanonika.

Illi l-komunjoni tal-hajja konjugali u l-*"consortium vitae"* tikkomprendi zewg elementi u cjoe' l-imhabba konjugali u r-responsabilta` tal-familja. Kif qalet il-Prim' Awla tal-Qorti Civili fid-decizjoni **"Magri vs Magri"** (14 ta' Lulju 1994):-

*"Jekk din il-"consortium vitae" hija nieqsa, l-oggett innifsu tal-kunsens taz-zwieg huwa wkoll nieqes. Din il-"Consortium Vitae" tikkomprendi zewg elementi li huma l-imhabba konjugali u r-responsabilta' tal-familja."*

Illi fil-fatt l-element ta' l-indossolubbilta` taz-zwieg jehtieg li l-kunsens ikun ibbazat fuq rabta dejjiema bejn ragel u mara wahda, mibnija fuq il-fedelta` u formazzjoni tal-

familja.  Il-ligi Maltija tippresupponi *'iuris tantum'* dan l-element ta' indossolubbilta` fiz-zwieg.

Illi fil-fatt, **J. *Edwards Hudson*** (pg. 164-165), jispjega car li *"indissolubility can be excluded from consent in two different ways: either because the spouse, knowing the true nature of marriage, nevertheless contract with the understanding that he will have the option of dissolving the bond and recovering his former free status, or because the spouse formulates his own doctrine on marriage, from which the idea of indissolubility is absent and to which he adheres totally with both intelligence and will power".*

Illi wkoll, ***D.J. Burns*****,** fil-kummentarju tieghu (***D.J. Burns***, "**Matrimonial Indissolubility: Contrary Conditions**. **A Historical Synopsis and Commentary".** pg.151) jghid li *"it is not necessary that this intention* (i.e. li teskludi l-indossolubilita') *was formulated as an express agreement, it can be inferred either from an explicit declaration of one or both parties, or consequent on certain words or actions implying that effect, or as a result of the narration of the circumstances of the contract."*

Illi hawn ukoll il-Qorti tirreferi ghal dak li inghad fis-sentenza **"Sharon Lanzon mart Francis Attard vs Francis Attard"** (P.A. (RCP) 15 ta' Marzu 2000) u cjoe':-

*"Meta wiehed jitkellem dwar l-eskluzjoni taz-zwieg jew wiehed mill-elementi essenzjali tieghu, wiehed irid jifli jekk il-kontendenti jew wiehed minnhom, allavolja huwa kapaci li jaghti kunsens validu taz-zwieg, pero' fl-atti tieghu qabel u fil-hajja mizzewga, jew bl-ommissjoni tieghu eskluda a priori certu obbligi essenzjali tal-hajja mizzewga, cjoe' issimula l-kunsens tieghu totalment fejn eskluda a priori iz-zwieg, jew inkella fejn waqt li l-kunsens hu jew hi eskludew xi wahda jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, u cjoe' saret simulazzjoni parzjali".*

Illi ssir referenza wkoll ghas-sentenzi ricenti ta' din il-Qorti fl-ismijiet **"Lydia Musu' vs Dr. Ian Spiteri Bailey"**

(P.A. (RCP) l-1 ta' Ottubru 2002) u **"Francis Agius vs Dr. Christopher Cilia *et*"** (P.A. (RCP) 8 ta' Ottubru 2002) fejn inghad li *"huwa sintomatiku li wiehed jirreferi ghas-sentenzi **"Mary Rose Abder Rahim vs Esam Abder Rahim"** (P.A. (N.A.) 31 ta' Mejju 2000) u **"Carmen El Shimi gja` Tanti vs Ibrahim Mohamed Mohamed Ibrahim El Shimi"** (P.A. (N.A.) 20 ta' Gunju 2000) u **"Marica Bouchhioua vs Farhat Ben Mohammed Bouchhioua"** (P.A. (RCP) l-1 ta' Ottubru 2002) fejn inghad li fiz-zwieg ta' konvenjenza illi l-iskop uniku tieghu huwa biss biex il-konvenut jakkwista c-cittadinanza Maltija jew / u d-dritt li joqghod u jirrisjedi hawn Malta, dak il-kunsens ikun simulat peress li eskluda pozittivament iz-zwieg innifsu".*

Illi fis-sentenza **"Marica Bouchhioua vs Farhat Ben Mohammed Bouchhioua"** (P.A. (RCP) l-1 ta' Ottubru 2002) inghad li:-

*"Illi min-naha l-ohra l-konvenut kellu f'mohhu haga wahda biss u cjoe` li juza' lill-attrici sabiex jakkwista stat ta' mizzewweg lill-Maltija u b'hekk ikun jista' jkollu d-dritt ta' moviment hawn Malta u jibqa' jghix Malta, … … … … … Kull diskrezzjoni ta' gudizzju fuq kull element taz-zwieg, anke l-iktar wiehed minimu ta' konvivenza almenu apparenti kien ghalhekk ghal kollox nieqes mill-istess konvenut".*

<u>**(C) APPREZZAMENT TAL-PROVI**</u>

Illi mill-provi prodotti jirrizulta bla ebda dubju kwalunkwe li dan kien sempliciment zwieg ta' konvenjenza peress li l-unika skop li ghalih il-konvenut intrabat b'dan il-mod ma' l-attrici kien biss sabiex huwa bhala strangier (cittadinanza Marokkina), huwa jkollu d-dritt li jibqa' jghix f'Malta minhabba l-istatus legali li kien jaghtih tali zwieg civili. Illi dan kollu huwa sorrett mill-provi prodotti fejn jidher li l-konvenut qal car u tond lill-attrici, anke qabel iz-zwieg, li huwa ried jizzewwigha sabiex ma jkollux problemi li jibqa' jghix hawn Malta, fil-fatt iz-zwieg sar ta' malajr, fi kwistjoni ta' xhur, bla ebda preparamenti ta' xejn, tant li l-partijiet lanqas kellhom dar matrimonjali fissa, u damu biss jghixu

b'xi mod flimkien ghal tlett xhur biss. Tul dan iz-zmien kollu l-istess konvenut jidher li kien interessat biss li jkun ma hbiebu u xejn izjed, tant li lanqas kien jahdem, u gie mantnut mill-attrici.

Illi sfortunatament din hija wahda minn hafna stejjer ta' dan it-tip li din il-Qorti kellha tikkonsidra fejn jidher li l-prassi ta' dan iz-zwieg ta' konvenjenza dahlet bhala certa moda f'dan il-pajjiz u wara sfortunatament li jsir dan l-att jinholqu problemi serji specjalment ghall-persuna li tkun giet litteralment uzata sabiex takkomoda persuni ta' dan it-tip li mohhom ikun biss biex jisfruttaw lil dak li jkun, normalment mara, sabiex jilhqu l-ghanijiet egoistici taghhom.

Illi fid-dawl ta' dan ma hemm l-ebda dubju li tali zwieg kien biss zwieg ta' l-isem, manifestament issimulat, u bla ebda bazi jew sustanza ta' validita` u ghalhekk kif diga inghad f'diversi decizjonijiet ta' din il-Qorti inkluz kif prezentament komposta, m'hemmx dubbju li tali zwieg jigi dikjarat null kemm abbazi tal-**artikolu 19 (1) (f) tal-Kap 255** citat mill-attrici, kif ukoll abbazi tal-**artikolu 19 (1) (d)** tal-istess kap, peress li taht l-ahhar subartikolu l-attrici fl-accettazzjoni taghha tal-proposta tal-konvenut uriet li kellha difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq id-dmirijiet, drittijiet w elementi essenzjali tal-hajja mizzewga.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati in kwantu l-istess huma nkompatibbli ma dak hawn deciz **tilqa' t-talba attrici** b'dan illi:

i) Tiddikjara li z-zwieg celebrat bejn il-kontendenti fl-14 ta' Dicembru 1998 huwa null u bla effett *ai fini* ta' l-**Artikolu 19 (1) (d) u (f) tal-Att. XXXIII dwar iz--Zwigijiet**.

Bl-ispejjez jinqasmu bin-nofs fejn il-kontendenti b'dan li l-Kuraturi Deputati ghandhom jithallsu skond il-ligi.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------